**14 ta' Mejju, 1990**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Hugh W. Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist. S. – President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**

Dentist George Manara

*versus*

Perit Edwin Borg Costanzi *noe*

**Kuntratt ta' impieg – Żmien indefinit – *Redundancy* – Kawża ġusta u suffiċjenti – Żmien definit – *Notice***

*F'każ ta' kuntratt ta' impieg għal żmien indefinit, l-employer jista'* ***ukoll*** *jittermina l-impieg minħabba "good and sufficient cause" u f'dan il-każ ma jkollox għalfejn jagħti notice u anqas iħallas xi kumpens lill-impjegat.*

*Fost il-"good and sufficient causes" però, ma jinkwadrax ruħu l-kunċett ta' redundancy peress li dan hu ġa kkonsidrat fl-istess liġi.*

*F'każ ta' kuntratt ta' impieg għal żmien definit l-employer jista' jittermina l-impieg ta' l-employee minħabba "good and sufficient cause". F'liema każ m'għandux għalfejn la jagħti notice u anqas iħallas lill-impjegat. Jekk però r-raġuni tkun ta' redunancy ma jistax jippretendi li din tekwivali għal "good and sufficient cause" u għalhekk għalkemm għandu d-dritt li jkeċċi lill-impjegat m'għandux triq oħra ħlief iħallsu nofs il-paga li kieku kien imiss lill-impjegat għall-bqija taż-żmien miftiehem bejn il-partijiet.*

*Kuntratt ta' impieg fejn il-prinċipal huwa marbut li jżomm l-impjegat għal perijodu determinat iżda fejn l-impjegat jista' jiddeterminah billi jagħti n-notice huwa wieħed għal żmien determinat;*

*Id-duttrina Ingliża ta' "frustration of contract" m'hijiex applikabbli għal każijiet ta' terminazzjoni ta' impjieg u dana għaliex il-Leġislatur ma riedtx iħalli bibien miftuħin biex tkun tista' ssir distinzjoni bejn redundancy f' każ u redundancy f'ieħor."*

Il-Qorti: – Rat iċ-ċitazzjoni ppreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li permezz tagħha l-attur, wara li ppermetta illi huwa kien impjegat bħala "*temporary part-time lecturer*" "*B*" fl-*Orthodontics* ma' l-Università, liema perijodu ta' impieg ġie estiż

sat -30 ta' Settembru, 1980; illi b'avviż tat-8 ta' Awissu, 1978 l-attur ġie mogħti avviż ta' terminazzjoni ta' l-impieg tiegħu b'effett mit-13 ta' Ottubru, 1978, sa liema ġurnata ġie mħallsa; u *illi skond illi skond il-liġi prinċipal li jibgħat 'il barra impjegat* qabel ma jagħlaq iż-żmien speċifikat fil-kuntratt ta' servizz ikollu jħallas lill-impjegat nofs il-paga kollha li kienet tkun tmiss lill-impjegat dwar il-bqija taż-żmien espressament miftiehem; u illi l-attur kellu salarju ta' sitt mija u erba' liri fis-sena u għalhekk l-ammont dovut mid-data tat-tkeċċija sa meta kien jagħlaq iż-żmien miftiehem kien ta' Lm1,186.50,0, u kwindi l-kumpens dovut lill-attur huwa ta' ħamsa mija u tlieta u disgħin lira u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (Lm593.25,0) talab illi l-konvenut jiġi kkundannat iħallas lill-attur is-somma msemmija ta' Lm593.25,0, bħala kumpens għat-terminazzjoni ta' l-impieg tiegħu qabel iż-żmien – bl-imgħax min-notifika taċ-ċitazzjoni u bl-ispejjez kollha;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, li biha qal illi d-domanda hi nfondata fid-dritt billi l-"kuntratt tax-xogħol" li kellu l-attur mal-Università bħala "part-time lecturer" "B" ma jistax *jiġi kkunsidrat bħala wieħed għal perijodu fiss la darba* l-attur setà **unilteralment** jinħall mill-kuntratt billi jagħti avviż adegwat, għax hu resaput li, fid-dritt, kuntratt ma jistax jiġi mħassar ħlief bil-kunsens ta' xulxin tal-partijiet, jew għal raġunijiet magħrufin mil-liġi. Inoltre bla ħarsa tal-premess, l-artikolu 34 (8) (i), ġa l-artikolu 25 (8) (1) tal-Conditions of Employment (Regulations) Act, 1952, jipprospetta l-ipotesi li "employer" ikeċċi "dismisses" impjegat minn rajh, u għax hekk ikun ried jew jaqbillu; fil-każ taħt eżami l-liċenzjament ta' l-attur sar mill-eċċipjent għal raġunijiet li fuqhom ma kellux kontroll, u li għalih jikkostitwixxi dik il-"*vis major*" li teżonorah

minn kwalsiasi responsabbilità;

*Omissis;*

Rat is-sentenża ta' l-Ororabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-26 ta' Lulju, 1982, li biha ċaħdet it-talba ta' l-attur, u ordnat li minħabba n-novità ta' l-azzjoni u ċ-ċirkustanżi partikolari ta' l-azzjoni u ċ-ċirkustanżi partikulari tal-każ, l-ispejjeż jibqgħu mingħajr taxxa u inoltre ddikjarat li huwa kważi superfluwu, iżda a *skans ta'* ekwivoku jingħad, li l-attur għandu dritt iżomm jew jippercepixxi n-notice money li l-Universita' l-Qadima kienet offrietlu (jew ħallsitu) mat-terminazzjoni ta' l-impieg tiegħu, u dan kollu wara li kkonsidrat:

*Omissis;*

Mill-provi proċeswali jirriżulta li l-attur beda l-impieg tiegħu ma' l-Universita' Rjali ta' Malta fuq bażi temporarja (li inizjalment kienet għal sena) b'effett mill-1 ta' Ottubru, 1967,bħala lecturer Grade B fl-Orthodonties (Facultà tad-Dentistrija). Kif jidher mill-ittra esebita a folio 5 tal-proċess, datata 17 ta' April, 1978, dan l-impieg (li naturalment baqa' jiġi mġedded lill-attur minn żmien għal żmien) gie estiiz sat-30 ta' Settembru,1980.

Fit-8 ta' Awissu, 1978, ir-Rettur ta' l-Universita' (li allura saret magħrufa bhala l-Universita' l-Qadima) informa lill-attur li l-kors ta' studju fid-Dentistrija kiern gie assenjat lill-Universita' l-Ġdida, u għalhekk ma kienx se jkun possibli għall-Universita' l-Qadima li tkompli timpjegah. Fl-istess ħin *infurmah ukoll li* huwa (l-attur) seta' japplika għall-post li kellu ma' l-Universita'

l-Ġdida, u f'dak il-każ it-terminażżjoni ta' l-impjieġ minn ma' l-Universita' l-Qadima kellha tibda tgħodd minn dakinhar li l-applikazzjoni tigħu tiġi aċċettata jew rrifjutata, skond il-każ, u f'każ li ma japplikax mid-data tan-nuqqas tiegħu, jigifieri mit-18 ta' Awissu, 1978.

Fl-1 ta' Settembru, 1978, ir-Rettur ta' l-Universita' l-Qadima rega' kiteb lill-attur fejn fost affarijiet oħra qallu:

*"I have been informed by the New Universtiy that by Friday, 18th August, 1978, you had not indicated your readiness to accept an appointment as a member of the staff of that University. In view of this I am now writing to inform you that, in accordance with legal advice received by Council, you are entitled to eight weeks' notice of termination. Your appointment will therefore come to an end on the 13th October, 1978;*

*I should like to take this opportunity to thank you for the loyal and efficient service you have rendered to the University during your term of office"*;

Illi mit-termini li fihom hija redatta ċ-ċitazzjoni, jidher li l-attur qiegħed jibbaża l-pretensjoni tiegħu għall-kumpens fuq id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 25 (8) (i) ta' l-Att ta' l-1952 li jirregola l-Kondizzjonijiet ta' l-impieg. Dan is-subartikolu jgħid hekk:

"Prinċipal li jibgħat 'il barra impjegat qabel ma jagħlaq iż-żmien speċifikat f'kuntratt ta' servizz għandu jħallas lill-impjegat nofs il-paga kollha li kienet tkun tmiss lill-impjegat dwar il-bqija taż-żmien espressament miftiehem";

Issa skond id-definizzjonijiet mogħtija bl-artikolu 2 ta' l-Att imsemmi, l-Università bħala korp ċertament taqa' taħt id-definizzjoni tal-kelma "prinċipal"; u "l-kuntratt ta' servizz" jinkludi kull xorta ta' ftehim dwar l-impieg li jkun, u jkopri kull xogħol ta' liema xorta jkun barra "*an agreement of apprenticeship*";

Iżda s-subartikolu (10) ta' l-istess artikolu 34, ġa artikolu 25 ikompli jipprovdi hekk:

"Hemm x'hemm fid-dispożizzjonijiet ta' hawn qabel f' dan l-artikolu prinċipal jista' jibgħat impjegat.......mingħajr ebda obbligu li jagħmel ħlas kif dispost fis-subartikoli (7) u (8) jekk ikun hemm raġuni tajba biżżejjed biex dak l-impjegat jintbagħat.......";

Is-subartikolu (10) huwa ovvjament ta' natura eċċezzjonali, però r-raġunijiet li minħabba fihom il-prinċipal jista' jillenċenzja lill-impjegat bla kumpens mhumiex ikkontemplati fih, jiġifieri kwalunkwe raġuni tista' tkun "tajba u biżżejjed" (fit-test Ingliż "a good and sufficient cause", sakemm ma tkunx speċifikament ipprojbita mill-istess subartikolu minħabba xi waħda mir-raġunijiet hemm imsemmija (li mhuwiex rilevanti għall-każ in eżami). Imbagħad f'każ ta' dubbju jekk ir-raġuni tkunx tajba biżżejjed, dan għandu jmur favur l-impjegat, għaliex huwa l-prinċipal li għandu l-obbligu li jipprova li huwa lliċenzjah għal raġuni tajba;

Illi dan il-prinċipju jixbah, u donnu jikkorrispondi għall-prinċipju fis-sistema Ingliża tar-risoluzzjoni tal-kuntratt "*by frustration and supervening impossibilty of performance*".

Virtwalment bit-tieni parti ta' l-eċċezzjoni tiegħu l-konvenut oriġġinali qiegħed jinvoka dak il-prinċipju;

D.W. Crump jgħid hekk: "*The doctrines of discharge by frustration and supervening impossibility of performance apply to contracts of employment. Indeed the personal nature of the relationship means that they are particularly susceptible to determination in this way. If performance of the contract becomes impossible, or it cannot be performed in the manner contemplated when it was entered into, it may be discharged;*

*Omissis;*

Illi l-istess attur ikompli jgħid: "*The determination of the contract of employment in accordance with the doctrines of frustration and supervening impossibiltiy of performance, does not amount to a breach entitling the employee to damages or payment in lieu of notice. The claim of an employee whose engagement has been so terminated is limited to the wages and other benefits accrued due to the time of dissolution. The rules as to frustration and impossibility of performance applied to contract of employment are those generally prevailing.....*" *(Op.Cit p. 136). Anzi aktar 'il quddiem (p.167)* huwa jgħid: "*If the contract is brought to an end by frustration it is not terminated by the employer.....Termination by operation of law in cases where the subject matter of the employment has been destroyed may be more clear*";

*Omissis;*

Illi kif jidher mill-fatti tal-każ, hawn fuq riportati, l-attur

kien impjegat bħala *lecturer* ma' l-Università fil-fakultà tad-Dentistrija. Imbagħad fil-perkors tal-kuntratt tas-servizz tiegħu ma' l-Università, ġiet kreata b'liġi l-Università l-Ġdida, u, fil-waqt li l-Universtià li magħha kien impjegat l-attur saret *magħrufa bħala l-Università l-Qadima b'responsabilità għal ċerti* korsijiet ta' studju biss, il-fakultà tad-Dentistrija ġiet imħejjija mill-ambitu ta' l-Università l-Qadima u ġiet ittrasferita taħt l-Università l-Ġdida. Dan il-kambjament ma kienx previst għall-partijiet konċernati (i.e. l-attur u l-Università oriġinali), ma kienx ipprokurat mill-istess Università u elimina għal kollox *"the very root of the contract"* ta' l-impieg li kien hemm bejniethom. Għalhekk, fuq l-iskorta tal-prinċipji hawn fuq enunċjati, u l-każi ċitati, speċjalment il-każ Taylor V. Caldswell, il-kuntratt tas-servizz li kien hemm bejn l-attur u l-Università ġie "frustrat", u għalhekk awtomatikament riżolut. In vista ta' dan kollu u għall-istess raġunijiet, teżisti dik il-"*good and sufficient cause* imsemmija fis-subartikolu (10) ta' l-artikolu 34 ta' l-Att ta' l-1952 li Jirregola l-Kondizzjonijiet ta' l-Impieg", li jeżonera lill-prinċipal milli jħallas il-kumpens kontemplat fis-subartikolu (8) ta' l-istess artikolu – il-kumpens mitlub mill-attur f'din il-kawża;

*Illi ġa la darba l-Università l-Qadima ma kinitx responsabbli* li tħallas dan il-kumpens, huwa ovvju li lanqas ma hija obbligata l-Università ta' Malta li bl-Att Nru. XII ta' l-1980 issuċċediet fil-funzjonijiet kollha ta' l-Università l-Qadima (li bl-istess Att ġiet biex wieħed jgħid hekk abolita). Għalhekk, it-talba ta' l-attur mhix sostenibbli";

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-attur tal-proċess li biha interpona appell mis-sentenza msemmija ta' l-ewwel Onorabbli Qorti;

Rat il-Petizzjoni ta' l-Appell tiegħu li biha talab li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza minnu appellata billi prevja r-rigrett ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut nomine tilqa' t-talbiet ta' l-attur appellant; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut nomine;

Rat ir-risposta ta' l-Università ta' Malta, għall-appell ta' l-attur li biha ssottomettew illi s-sentenza appellata hija ġusta u timmerita konferma u dana stanti illi l-kuntratt tas-servizz li kien hemm bejn l-Università ġie ffrustrat u għalhekk awtomatikament riżolut;

Rat l-atti kollha tal-kawża inklużi n-noti ta' l-osservazzjonijiet tal-partijiet u d-dokumenti l-oħra kollha esibiti;

Ittrattat l-appell;

Ikkunsidrat:

L-argomenti ta' l-attur appellant in sostenn ta' l-appell tiegħu huma dawn li ġejjin:

(a) ir-raġuni li għaliha ġie tterminat l-impieg tiegħu skond l-istess Università kienet waħda ta' *redundancy*. Infatti l-istess Università kkonċediet li kellu dritt għal *notice of termination* li hi dovuta biss f'każ ta' *redundancy*;

(b) l-ewwel Onorabbli Qorti għalhekk ma kellhiex tinjora dan u tikkonkludi li t-terminazzjoni ta' l-impieg kienet *frustration of contract* ammontati għalhekk għal ġusta kawża;

(ċ) il-kunċett ta' *frustration of contract* hu aljen għas-sistema legali Malti in materja;

(d) anki li ma kienx, dan il-kunċett jippresupponi d-distruzzjoni ta' l-oġġett tal-kuntratt u li dan ma jkunx dovut għall-aġir tad-debitur ta' l-obbligazzjoni. Fil-każ preżenti skond l-appellant ma tirriżulta ebda distruzzjoni ta' l-oġġett tal-kuntratt u kieku stess kien hemm, dan kien ikun dovut għall-aġir tal-Gvern li kien jikkontrolla ż-żewġ universitajiet;

(e) il-kuntratt ta' l-attur appellant kien wieħed għal żmien determinat u għalhekk skond il-liġi dan seta' jiġi tterminat biss għal "*good and sufficient cause*" li però ma tistax tkun *redundancy* tista' tkun raġuni ġusta għat-temm ta' l-impieg fejn kuntratt huwa għal żmien indeterminat, **iżda mhux fejn kuntratt huwa għal żmien definit;**

(f) kwantu għall-eċċezzjoni tal-**vis major** l-appellant jissottometti li din mhix kontemplata taħt il-*Conditions of Employment (Regulation) Act*;

(g) L-Università stess ikkunsidrat li l-kuntratt ġie tterminat b'effett ta' l-avviż bil-miktub; isegwi għalhekk li l-ewwel Qorti kienet skorretta meta kkonkludiet li r-riżoluzzjoni tal-kuntratt operat ruħha awtomatikament *ope legis* bis-saħħa tal-liġi l-ġdida;

(h) Oltre dan kollu l-*good and sufficient* li għaliha biss jista' jiġi tterminat impieg għal perijodu determinat, tippresupponi neċessarjament li l-impieg jiġi liċenzjat, filwaqt li l-impieg jibqa' jeżisti;

(i) l-interpretazzjoni li tat l-ewwel Qorti twassal għall-konsegwenzi ġuridkament inkoerenti. Jekk impjegat **mgħandux** terminu ta' impieg favur tiegħu, jista' jitkeċċa għal *redundancy* u għal *good and sufficient cause*. Jekk għandu kuntratt b'terminu favur tiegħu, jista' ugwalment jitkeċċa għal *redundancy* u għal *good and sufficient cause*. Jekk il-kuntratt tiegħu hu **bla terminu** jieħu l-benefiċċju tan-*notice*. Jekk huwa **bit-terminu** jitlef id-dritt għal nofs taż-żmien li għad irid jiddekorri, u anqas jieħu *notice*. Fi kliem ieħor l-impjegat bit-terminu, fil-perijodu tat-terminu għandu wisq inqas *security of tenure* minn impjegat bla terminu;

Ikkunsidrat;

Omissis;

Issa skond is-subartikolu 3 ta' l-artikolu 34 tal-Kap 135;

*"A contract of service for an indefinite time may be terminated, by giving notice as set out in subsection (5) of this section, by the employee without assigning any reason and by the employer, saving the provision of subsection (14) of this section, only on grounds of redundancy"*;

Skond is-subartikolu 11 ta' l-istess artikolu;

*"An employer who dismisses an employee before the expiration of the time definitely specified by a contract of service, shall pay to the employee one-half of the full wages that would have accrued to the employee in respect of the remainder of the time specifically agreed upon"*.

Skond is-subartikolu 14 ta' l-istess artikolu, imbagħad:

*Notwithstanding the foregoing provisions of this section, an employer may dismiss the employee and the employee may abondon the service of the employer, without giving notice and without any liability to make payment as provided in subsections (10), (11) and (12) if there is good and sufficient cause for such dismissal or abondonment of service.......*";

Fil-fehma ta' din il-Qorti dawn id-disposizzjonijiet ma jistgħux ma jfissrux ħlief li l-kunċett ta' *good and sufficient cause* huwa kkonsidrat mil-leġislatur bħala kunċett separat u distint mill-kunċett l-ieħor ta' *redundancy*. Huwa veru li mhemmx dubbju li l-leġislatur stess jikkonsidra l-kawża ta' *redundancy* bħala kawża ġusta għat-terminazzjoni ta' kuntratt ta' xogħol, però, *għall-fini tas-subartikolu 14 ta' l-artikolu 34 tal-Kap. 135* il-kunċett ta' *good and sufficient cause* neċessarjament jeskludi l-kunċett ta' *redundancy* għaliex altrimenti l-liġi ma kinitx tagħmel sens;

Dana qed jingħad għaliex biex jiġi deċiż dan l-appell bil-fors l-ewwel trid tiġi definita sewwa l-pożizzjoni legali ta' l-impjegat u ta' min iħaddmu għal dak li jinteressa din il-kawża;

Din il-Qorti, għalhekk hija tal-fehma li l-posizzjoni legali korretta hija din li ġejja u ċjoè:

(a) f'każ ta' kuntratt ta' impieg għal żmien indefinit, l-*employer* jista' jilliċenzja lill-impjegat f'każ ta' *redundancy* basta jagħtih *notice of termination of employment* skond u fit-termini tas-subartikoli 5 ta' l-artikolu 34;

(b) f'każ ta' kuntratt ta' impieg għal żmien indefinit, l-employer jista' **ukoll** jittermina l-impieg minħabba *good and sufficient cause* u f'dan il-każ ma jkollux għalfejn jagħti *notice* u anqas iħallas xi kumpens lill-impjegat. Fost il-*good and sufficient causes* però ma jinkwadrax ruħu l-kunċett ta' *redundancy* peress li dan hu ġa kkonsidrat fis-subartikolu 3;

(ċ) f'każ ta' kuntratt ta' impieg għal żmien definit l-employer jista' jittermina l-impieg tal-employee minħabba *good and sufficient cause* f'liema każ mgħandux għalfejn la jagħti *notice* u anqas iħallas lill-impjegat. Jekk però r-raġuni tkun ta' *redundancy* ma jistax jippretendi li din tekwivali għal *good and sufficient cause* u għalhekk għalkemm għandu dritt li jkeċċi lill-impjegat m'għandux triq oħra ħlief li jħallsu nofs il-paga *that would have accrued to the employee in respect of the remainder of the time specifically agreed upon;*

Issa fil-fehma ta' din il-Qorti minn eżami tal-fatti li jirriżultaw f'dan il-każ l-ewwel konkluzzjoni li għandha tasal għaliha hija li l-kuntratt ta' l-impieg ta' l-attur ma' l-Università kien wieħed għal żmien determinat u dan allavolja setà jiġi ddeterminat fi kwalunkwe żmien mill-istess attur billi jagħti *notice*;

Illi għalhekk l-employer seta' jittermina l-istess kuntratt qabel iż-żmien tiegħu jew minħabba a *good and sufficient cause* f'liema każ ma jkun tenut la li jagħti *notice* u anqas li jħallas xi kumpens, jew minħabba xi raġuni oħra nkluża *redundancy* f'liema każ kien ikun tenut iħallas nofs is-salarju kif ġa spjegat;

F'dan il-kuntest l-ewwel Onorabbli Qorti deħrilha illi kienet

applikabbli għall-każ in diżamina d-dottrina ingliża in materja ta' *Discharge of Contracts* magħrufa bħala *The Doctrine of Frustration*. F'xiex tikkonsisti din id-dottrina ġie spjegat tajjeb mill-ewwel Qorti u għalhekk ma hemmx bżonn ta' ripetizzjonijiet ħlief li ser jiġi riprodott dak li qal Lord Simon in Krell vs. Henry – (1903) 2 K.B. 740):

*"Frustration may be defined as the premature determination of an agreement between parties, lawfully entered into and in course of operation at the time of its premature determination, owing to the occurance of an intervening event or change of circumstances so fundamental as to be regarded by the law as striking at the root of the agreement, and as entirely beyond what was contemplated by the parties when they entered into the agreement"*;

Din il-Qorti ħasbet fit-tul fuq din il-kwistjoni u indipendentement mill-kweżit jekk tali dottrina hix applikabbli anki taħt il-liġi Maltija waslet għall-konklużjoni li la l-istess dottrina u anqas il-prinċipju nvolut fiha fiha m'għandhom rilevanza għall-każ in eżami. Infatti fil-każ in eżami dak li ġara *in ultima analisi* jwassal għall-każ ta' *redundancy* u għalhekk bħala tali u għar-raġunijiet li ġa ssemmew ma jistax jikkwadra ruħu taħt *good and sufficient cause*. Il-liġi li tirregola t-terminazzjoni ta' l-impieg ċjoè il-Kap. 135 ġa imsemmi hi kategorika fuq dan u evidentement il-Leġislatur ma riedx iħalli bibien miftuħin biex tkun tista' ssir distinzjoni bejn *redundancy* f'każ u *redundnacy* f'ieħor. Altrimenti kien ikun qed jagħti lok biex l-*employer* bl-iskuża ta' l-eżistenza ta' raġunijiet li m'għandux kontroll fuqhom, jevadi li jħallas dak li evidentement il-leġislatur riedu li jħallas. Fil-fatt bl-istess teorija abbraċjati mill-

ewwel Qorti wieħed faċilment jasal għall-konklużjoni li jekk f'salt, jew anki intenzjonalment, in-negozju ta' l-*employer* imur ħażin jew ifalli b'mod li tittieħed deċiżjoni ta' xoljiment tan-negozju f'dak il-każ l-*employer* ikun jista' jipprevalixxi ruħu mill-istess teorija u jippretendi li m'għandu dritt iħallas ebda kumpens. Dana, però, kif ġa spjegat, ċertament ma jirrispekkjax l-intenzjoni tal-leġislatur li żamm il-kunċett ta' *redundancy* separat minn dak ta' *good and sufficient cause*. Fi kliem ieħor il-leġislatur evidentement ried illi jiġri x'jiġri lill-*employer*, jekk isib ruħu fil-pożizzjoni li ma jkunx jista' jżomm aktar fl-impieg tiegħu lill-impjegat huwa jista' jillicenzjah minħabba *redundancy* kemm jekk il-kuntratt għal żmien speċifikament kemm jekk le b'dan li fl-ewwel każ irid iħallsu nofs is-salarju kif ġa spjegat u fit-tieni każ irid jagħtih in-*notice* jew kumpens skond is-subartikolu 5 ġa msemmi;

Is-sentenza appellata, għalhekk, sejra tiġi revokata in kwantu ċaħdet it-talbiet attriċi u ser jiġi ddikjarat li l-attur kellu dritt jitħallas mingħand l-Università l-Qadima nofs il-paga kollha li għaliha huwa kien ikollu jedd kieku huwa baqa' fis-servizz għall-bqija taż-żmien hekk espressament miftiehem bejnu u dik l-Università liema dritt ta' ħlass jinkombi kif sewwa spjegat l-ewwel Qorti fuq l-Università ta' Malta imwaqqfa taħt l-Att XII ta' l-1980. Billi però l-eżerċizzju tal-likwidazzjoni għad ma sarx u biex ħadd ma jiġi pprivat mill-benefiċċju tad-doppju eżami, din il-Qorti sejra tirrinvija l-atti lill-ewwel Qorti biex isir sewwa dan l-eżerċizzju;

Għal dawn il-motivi, għalhekk, tiddisponi mill-appell ta' l-attur billi tilqa' l-istess u konsegwentement tirrevoka s-sentenza appellata billi tiddikjara illi l-attur huwa intitolat jitħallas

mingħand il-konvenut nofs il-paga li għaliha huwa kien ikollu jedd kieku huwa baqa' fis-servizz għall-bqija taż-żmien espressament miftiehem fil-kuntratt tas-servizz tiegħu u tirrinvija l-atti lill-ewwel Onorabbli Qorti biex din tillikwida s-somma dovuta lill-istess attur. L-ispejjeż kemm ta' l-ewwel kif ukoll ta' din l-istanza jkunu a karika tal-konvenut appellat.